# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 7 ta' Frar, 2024.

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 40/2023 ISB**

**Munir Hasan Me El Feghi (KI0105362A)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Muir Hasan Me El Feghi**, intavolat fid-19 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

> *(i) Tordna li l-isem tas-socjeta' Copacabana Investments Limited (C55502) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji skond l-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi l-istess socjeta' Copacabana Investments Limited (C55502) titqies illi kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u dan taht*

*dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi kif jirrizulta mill-anness statut tas-socjeta' Copacabana Investments Limited (iktar 'l quddiem "**Is-Socjeta**"), (vide Dok A) l-esponent kien azzjonist tas-Socjeta', liema socjeta' kienet registrata Malta fl-1 ta' Marzu 2012 b'numru ta' registrazzjoni C55502 (Vide Dok. B).*

*Illi kif jirrizulta mill-anness estratt (vide Dok. C) mehud mill-Website tal-Malta Business Registry is-Socjeta' giet "Struck Off as Defunct" mill-intimat fl-10 ta' Awissu 2022.*

*Illi kif jirrizulta mill-anness nota ta' Insinwa R/3053/2018 reference of H/2013/17619 (vide Dok. D) l-esponent personalment u s-Socjeta' kien gie trasferit lilhom il-kreditu li kellu l-bank Bank Of Valletta Plc bid-drittijiet ipotekarji kollha naxxenti minn Ipoteka Numru 17619/2013 u 2363/2015, kontra Darren Casha u Joseph Casha.*

*Illi kif jirrizulta mill-annessi Dok. E, l-ipoteka 17619/2013 kienet, inter alia, ipoteka specjali fuq semi-detached villa, fil-Madliena limit ta' Swieqi, kif ahjar deskritta fl-istess nota ta' ipoteka, liema villa hija iktar 'l quddiem imsejha il-"**Villa**".*

*Illi fit-12 ta' Frar 2019, kif jirrizulta minn nota ta' insinwa ta' kuntratt ta' bejgh (vide Dok.F ), l-esponent kien xtara minghand Darren Casha l-istess villa li fuqha kien hemm l-ipoteka specjali favur Bank Of Valletta Plc, liema ipoteka, kif iktar 'l fuq deskritt, giet assenjata lill-esponent u lis-Socjeta'.*

*Illi l-esponent issa gie biex jitrasferixxi l-Villa lill-terzi, imma gara, li fil-frattemp, l-intimat Registratur hassar isem is-Socjeta' minn fuq ir-Registru bir-raguni moghtija "struck off as defunct".*

*Illi b'hekk l-esponent ma jistax jikkancella l-ipoteka li s-socjeta' ghandha registrata fuq il-Villa, u qed jigi ppregudikat bid-decizjoni tar-Registratur, ghax l-inabilita' tas-socjeta Copacabana Investments Limited li tikkancella l-ipoteka specjali li hemm registrata favur tieghu u taghha, qed timpedih milli jista' jiddisponi mill-propjeta' tieghu.*

> *Illi b'hekk hemm htiega li isem is-Socjeta' jerga' jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji sabiex tkun f'posizzjoni li tikkancella l-ipoteka specjali li ghadha qed tidher registrata favur taghha.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 29);

Rat **id-digriet** tagħha tal-24 ta' Mejju 2023 minn fejn jirri\ulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-10 ta' Lulju 2023 f'12:00 p.m;

Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimata ppreżentat **ir-risposta** tagħha (fol 34) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, hija sostniet:

> *Illi l-kumpanija Copacabana Investments Limited (C 55502) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fl- 1 ta' Marzu 2012;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset, għal diversi snin u b' mod kontinwu, mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak tas-sena 2012, filwaqt li l-aħħar prospett annwali li ġie sottomess kien dak tas-sena 2014;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lid-direttur tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa 30/9, Cresta Flats, Mradd Street, Ta' Xbiex, XBX 1150 u kif ukoll lid-direttur tagħha u ċioe' lir- rikorrenti*

*fl-indirizz Ain Zara Road, Tripoli, State of Libya datati 8 t' April 2022;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-direttur tagħha fl-istess indirizzi nhar l-10 ta' Mejju 2022;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija u d-direttur tagħha ġew infurmati illi la darba kienu ilhom snin sħaħ jonqsu mill-obbligi tagħhom taħt l-Att, skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma jweġbux l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fl-10 ta' Mejju 2022, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif la s-soċjeta' surreferita u lanqas terzi persuni inkluż ir-rikkorent qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mil-Att dwar il-Kumpaniji għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta la minghand il-kumpanija u lanqas minn terzi persuni jew xi tip ta' dokumentazzjoni pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-12 t'Awwissu 2022, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru b'effettt mit-12 t'Awwissu 2022;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex*

*l-isem ta' din il-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu.*

*Illi r-rikorrenti injora ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 3,600, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 7,623.50;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ. Dan sabiex ir-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, deher l-Avukat Kris Borg għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 54) b'affidavit tiegħu stess (fol 55).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Novembru 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensur tar-Reġistratur intimat ddikjarat illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-soċjetà Copacabana Investments Limited kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li huwa azzjonista tal-kumpanija **Copacabana Investments Limited (C55502)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Awwissu 2022.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għad hemm ipoteka bir-referenza numru 17619/2013 reġistrata fuq l-istess kumpanija li teħtieġ tiġi kkanċellat sabiex tinbiegħ proprjetà li l-istess ipoteka qegħda torbot.

Illi r-rikorrent iddikjara mill-bidu, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Copacabana Investments Limited (C55502) u fil-fatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Munir Hasan Me El Feghi** jgħid li huwa l-unika azzjonist u direttur tas-soċjetà *de quo* li ġiet reġistrata fl-1 ta' Marzu 2012 u ġiet *struck off* mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fl-10 ta' Awwissu 2022.

Jispjega li permezz ta' nota ta' Iskrizzjoni bir-referenza R/3053/2018 b'referenza għall-Ipoteka bir-referenza H/2013/17619, id-drittijiet tal-Bank of Valletta PLC naxxenti mill-istess ipoteka ġew trasferiti minn fuq Darren Casha u Joseph Cachia għal fuq ir-rikorrent u l-kumpanija *de quo*, liema iskrizzjoni tinkludi ipoteka speċjali li torbot proprjetà konsistenti f'Villa ġewwa l-Madliena. Jispjega li jixtieq li jittrasferixxi l-imsemmija villa lil terzi iżda fil-frattemp ir-Reġistratur intimat ikkanċella l-istess kumpanija mir-Reġistru tal-Kumpaniji u għalhekk ma jistax isir il-kanċellament tal-istess ipoteka u għalhekk ma jistax jipproċedi bil-bejgħ tal-istess. Jgħid li huwa għalhekk li kellu jintavola dawn il-proċeduri.

Illi l-intimata Reġistratur tgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellha kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Copacabana Investments Limited (C55502) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrenti illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **Copacabana Investments Limited (C55502)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Copacabana Investments Limited (C55502)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimata sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Copacabana Investments Limited (C55502)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**